19 ta' Ottubru 2021

Is-Sinj. Norma Saliba
Manager tal-Aħbarijiet u Ġrajjiet Kurrenti
Public Broadcasting Services Limited
75, Triq San Luqa,
Gwardmanġa, Tal-Pietà PTA 1022

Għażiża Sinj. Saliba,

Nirreferi għall-fatt li l-lejla x-xandir pubbliku ma kienx preżenti għall-konferenza tal-aħbarijiet mogħtija mill-Kap tal-Oppożizzjoni b'reazzjoni għad-diskors tal-Prim Ministru fuq il-Budget, u wisq anqas ma irraporta fuq l-istess konferenza tal-aħbarijiet.

Meta ġbidnilek l-attenzjoni tiegħek fuq din l-istess konferenza tal-aħbarijiet, ir-reazzjoni tiegħek kienet li 'mhix il-prassi'. Bir-rispett kollu, għandha tkun l-Oppożizzjoni li tiddeċiedi kif twassal il-messaġġ tagħha u ebda persuna jew entita' oħra. Bl-istess argument jekk il-Gvern jagħmel numru kbir ta' konferenzi tal-aħbarijiet, ix-xandir pubbliku jibda jistabilixxi liema jattendi għalihom u jirraporta dwarhom, u liema jinjora!

Il-Budget min-natura tiegħu hu suġġett ta' kontroversja politika u ta' politka kurrenti, u għalhekk aktar u aktar ma tista' tkun tolerata ebda ċensura tal-vuċi tal-Oppożizzjoni kif sar illejla.

Dan kollu qed isir bi ksur tal-Kostituzzjoni u tal-Liġi tax-Xandir ta' pajjiżna apparti milli jikkostitwixxi wkoll ksur ta' regolamenti ċari fuq kif għandhom jingħataw l-aħbarijiet.

Għal dawn ir-raġunijiet, qed nitlob li l-Partit Nazzjonalista jingħata rimedju ġust u effettiv billi minnufiħ tkun irraportata l-konferenza tal-aħbarijiet tiegħu.

Qiegħed nibgħat kopja ta' dan l-ilment lill-Awtorità tax-Xandir skont dak li jipprovdi l-Kodiċi għall-Investigazzjoni u għad-Determinazzjoni ta' Ilmenti (Leġislazzjoni Sussidjarja 350.06).

Inselli għalik,

Michael Piccinino
Segretarju Ġenerali PN

Kopja: Dr Joanna Spiteri – Kap Eżekuttiv tal-Awtorità tax-Xandir, 7, Triq Mile End, Il-Ħamrun ĦMR 1719

Dar Ċentrali Partit Nazzjonalista,
**Triq Herbert Ganado, Pietà. PTA 1450**
**t.** 21243641 **e.** info@pn.org.mt